MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2013

Avviz Numru. 393/2004

**Domestica Limited**

**vs**

**Christian u Anne konjugi Deborggraeve**

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta’ liema is-socjeta’ attrici talbet lill-konvenuti ihallsu s-somma ta’ tlett elef, sitt mija u zewg Liri Maltin (Lm3,602.00) rappresentanti bilanc ta’ prezz ta’ merkanzija debitament mibjugha u kkonsenjata lilhom mill-istess socjeta attrici, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza. Bl-interessi skond il-ligi mid-data tal-konsenja, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandati ta’ sekwestru u ta’ qbid gia ppresentati kontra l-konvenuti, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ukoll in-nota t’eccezjonijiet tal-konvenuti:

Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari n-nullita' tal-avviz odjern intavolat mis-socjeta attrici u dana minhabba illi n-numru tar-registrazzjoni tal-kumpanija attrici ma' giex indikat fl-avviz in kwistjoni;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suesppost, l-ammont mitlub m'huwiex dovut stante li l-merkanzija mibjugha u kkonsenjata lill-eccipjenti ma' kienitx tal-kwalita' pattwita.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat ukoll il-kontra talba tal-konjugi Deborggraeve:

Premess illi l-esponenti ordnat diversi oggetti ta' ghamara minghand is-socjeta' attrici Domestica Limited;

Premess illi l-istess ghamara ma' gietx kkonsenjata lill-esponenti fiz-zmien hekk kif kien miftiehem bejn il-partijiet;

Premess illi meta giet kkonsenjata l-imsemmija ghamara rrizulta li l-istess ma' kienitx skond dak li gie ordnat;

Premess illi per konsegwenza l-esponenti kellhom jinkorru spejjez u dana sabiex tigi aggustata l-ghamara inkwistjoni;

Premess illi inoltre u apparti dan il-fatt, l-istess ghamara ma' kienitx tal-kwalita' pattwita u dana kif ser jirrizulta waqt il-mori tal-kawza;

Premess illi l-istess oggetti tal-ghamara ghadhom sal-gurnata tal-lum mhux konkluzi;

Ghaldaqstant, tghid lis-socjeta' konvenuta ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara li l-ghamara mixtrija u kkonsenjata lill-esponenti minghand is-socjeta Domestica Limited ma' hijiex tal-kwalita' pattwita.

2. Tillikwida l-konsegwenzjali danni sofferti minn l-esponenti, u dana jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi.

3. Tordna lis-socjeta' Domestica Limited sabiex thallas lill-esponenti d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, bl-imghax u b'hekk is-socjeta attrici tibqa' minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta attrici rikonvenuta;

Illi l-ewwel talba tal-konvenuti ghandha tigi michuda, stante li l-merkanzija konsenjata hija tal-kwalita' pattwita, skond l-ordni originali, tenut kont ukoll il-varjazzjoni sussegwenti tal-konvenuti stess;

Illi assolutament mhux minnu li s-socjeta attici rikonvenuta hija b'xi mod responsabbli ghal dewmien. Kwalsiasi dewmien kien semmai kagunat minhabba s-safar tal-konvenuti, u minhabba t-tibdiliet li huma ghamlu in segwitu ghall-ordni originali;

Illi minkejja li l-merkanzija issa ilha konsenjata, u nonostante li l-partijiet kienu fthemu li ghandhom isiru xi xogholijiet ulterjuri (mhux kagun ta' xi nuqqas tas-socjeta' esponenti) sabiex jigu effetwati kambjamenti rikjesti mill-konvenuti in segwitu ghall-ordni originali, dawn sa llum naqsu li jaghtu l-access mehtieg lis-socjeta esponenti. Ghalhekk huwa ironiku huma stess li ostakolaw tali konkluzjoni;

Illi a rigward it-tieni u t-tielet talba, dawn ghandhom jigu michuda entrambi, peress li huma dipendenti fuq ir-responsabbilita' ghall-allegati danni, liema talba, minkejja li setghet issir biss mal-kontro-talba, ma saritx. Fl-assenza ta' talba simili, din il-Qorti ma tistax tippronunzja ruhha dwar ir-responsabilita' o meno ghall-allegati danni, dejjem jekk jezistu. Ladarba ma jistax jigi stabbilit minn hu responsabbli ghalihom, hadd, inkluz is-socjeta' esponenti, ma jista' jigi ordnat ihallas ebda danni. Isegwi wkoll li kwalsiasi likwidazzjoni ta' danni tkun inutili.

Illi in ogni caso u minghajr pregjudizzju ghall-paragrafu precedenti,d a parti taghha s-socjeta esponenti qatt ma talbet ebda spejjez zejda ghall-allegat aggustament tal-ghamara. Inoltre, kif jinghad fit-tielet paragrafu, u kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza, il-konvenuti kellhom jipprovdu l-access mehtieg sabiex is-socjeta' esponenti tikkonkludi x-xogholijiet ulterjuri rikjesti minnhom. Jekk imbaghad il-konvenuti, bi ksur ta' tali ftehim, ghazlu li jinkorru spejjez ma terzi, dawn certament mhux imputabbli lill-esponenti.

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkonsidrat:

Illi l-ewwel konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti fil-kawza odjerna huma diretti lejn l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-intimati dwar in-nullita' tal-avviz. L-istess konvenuti jirritjenu illi l-avviz huwa null stante illi is-socjeta' attrici naqset milli tindika n-numru ta' registrazzjoni taghha fl-avviz. Eccezzjoni din li hija frivola ghall-ahhar u li ghaliha ma hemm htiega ta' ebda deliberazzjoni hlief li jkun citat l-artikolu 181A tal-Kapitolu 12 li kien introdott bis-sahha tal-Att XXIV tal-1998 li jghid: "*Meta tigi prezentata skrittura minn jew kontra korp li jkollu personalita' guridika distinta, ikun* ***bizzejjed*** *li wiehed inizzel isem dan il-korp*" [enfasi tal-Qorti].

L-eccezzjoni preliminari ghalhekk qed tkun michuda;

Illi fil-mertu il-provi mressqa ghall-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti kienu jikkonsistu fid-deposizzjoni ta' rapprezentant tas-socjeta' attrici u r-relazzjoni tal-espert tekniku nominat minn din il-Qorti sabiex jirrelata dwar n-nuqqas ta' kwalita' allegata fl-eccezzjoni u dwar l-materji allegati fil-kontro-talba.

Leo Vassallo Cesario xehed illi l-kcina mertu tal-kawza kienet manifatturata fuq ritratti u magazines provduti mill-istess konvenuta u l-wallunit kien dak li ghazlet hi stess

mix-*showroom* tas-socjeta rikorrenti. Ix-xoghol inbeda wara li kienet accetata l-istima, l-mod tal-manifattura, disinji u tip ta' njam. L-konvenuta kienet tigi b'mod regolari fil-fabbrika tara l-andament tax-xoghol fejn gieli ordnat kambjamenti li saru dak il-hin stess skond ix-xewqa taghha. L-konvenuta xtrat ukoll wallunit li rat fix-showroom izda meta haduhiela d-dar argumentat illi l-qies kien hazin u xtaqitha aktar fonda. Din ittiehdet lura l-fabbrika, rrangawha kif xtaqet l-konvenuta u minghajr hlas. L-istess xhud kompla illi dan kien l-attegjament kontinwu tal-konvenuta;

Dwar il-kcina, s-Sur Cesario qal illi din l-akbar punt kontenzjuz ghaliex wara li tlestiet kif xtaqet il-konvenuta lmentat minn kollox. Hawnhekk tinhass il-htiega li tkun riprodotta parti mid-deposizzjoni rilevanti:

"*Il-kcina il-konvenuta rieditha stainjata b'mot totalment differenti. Rieditha tintmesh b'xi materjal li jidhirli li kien Caustic Soda li hu perikoluz ghall-haddiema tieghi. Il-Foreman li hu l-bniedem li jaghti l-kuluri u jaghmel dawn it-tip ta' arrangamenti qal "All right xorta naghmilhielha la trida hekk", avvolja kien perikoluz ghal sahtu. Il-konvenuta kienet qaltilna kif, mhux ahna ghidnielha kif ghaliex ahna qatt ma konna ghamilna dan ix-xoghol qabel. Meta ghamilna x-xoghol u lestejnih qalet "Le jiena mhux hekk riedtu". Ergajna biddilna x-xoghol, giet tara, pero' qatt ma kien jogghobha. Meta qed nghid xoghol qieghed nirreferi ghall-finishing. Fl-ahhar gabet bicca injama hi. ….Skoprejna illi l-injama li gabet il-konvenuta ma kienitx l-injama li ssib hawn Malta u li kellna u li hi kienet accettat waqt ix-xoghol.";*

Meta l-kcina twahhlet flimkien fil-fabbrika, l-konvenuta lmentat dwar li l-bibien ma kienux kif xtaqet u l-ixkafef ma kienux mastizz u dan minkejja li kienet ordnathom kif rathom inizjalment. Meta ra hekk, iben ix-xhud accetta li jibdel kollox biex izomm il-paci, u tbidlu l-bibien kollha. Meta l-kcina twahhel fid-dar tal-konvenuta, ix-xoghol ma ghogobhiex. Minkejja dan, hi wahhlet sistema ta' *reverse osmosis* u stallat is-sink. Oltre dan, l-konvenuta kienet qed izzommhom milli jikkonsenjaw il-kcina ghaliex

sakemm inhadmet l-ordni, l-kumpanija kienet selfitha kcina kompluta minghajr hlas u ghalhekk kien moqdija. Dan ghamlitu billi kienet tghid li kienet imsiefra u bl-ilmenti taghha dwar il-kwalita' tax-xoghol. Ix-xhud iddecieda li jirranga dak li kienet qed tilmenta minnu anke jekk ma kienx tort tieghu, bhalma hi z-zoklatura tal-kcina meta kien ix-xoghol tal-madum li kien hazin u mhux il-*plinth*. Is-sink ma kienx centrat taht it-tieqa u dak ghazel li jirrangah ukoll billi jbiddel dak il-unit jew *module*. L-konvenuta riedet li l-kumpanija thallas ghat-tnehhija u ristallazjoni tas-sink u r-*reverse osmosis* izda hu rrifjuta. Minkejja dan, l-konvenuta bdiet iggib l-iskuzi kullmeta ried jaccedi biex jirranga x-xoghol kif xtaqet u ghalhekk ma kellux l-oppportunita' li jirmedja;

Ra r-relazzjoni tal-espert tekninu appuntat minn din il-Qorti sabiex jirrelata dwar l-allegati hsarat u xoghol ta' natura hazina. Din ir-relazzjoni hija danneggjanti ghat-talbiet tal-konvenuta fit-talba rikonvenzjonali taghha u taghti ragun lis-socjeta' attrici. Jemergi minn din ir-relazzjoni illi din l-ghamara tqieghed f'post verament umduz u dan halla l-marki fuq l-istess konsistenti f'tghawwig tal-injam u diformitajiet ohra. L-konvenuta jidher li lmentat minn nuqqasijiet li jew huma ta' entita' negligibbli jew inezistenti bhalma huma l-*clearance* tal-fridge fil-*housing* tal-*built in unit*. L-perit tekniku ikkonferma li din hija l-*clearance* li hija normali u accettabbli. L-istess jiccertifika li x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti u jikkonludi bil-mod segwenti: "*I honestly feel that Mr & Mrs De. Borggreave have been unreasonable in their complaints and should have settled this matter years ago"*.

Illi minkejja l-eccezzjoni tal-konvenuti u t-talba rikonvenzjonali taghhom, baqghu ma resqu l-ebda prova ghal-konsiderazzjoni ta' din il-Qorti;

Illi ezaminati dawn il-provi huwa pruvat b'mod sodisfacenti ghal din il-Qorti illi s-socjeta' attrici provdiet l-ghamara skond l-ispecifikazzjonijiet provduti mill-konvenuti minkejja diversi tibdiliet minnhom ordnati fil-kors tal-manifattura. Minkejja dan, is-socjeta' attrici kienet disposta illi taghmel

tajjeb anke bla hlas ghal xi alterazzjonijiet ohra u dan sabiex jkunu sodisfatti l-konvenuti. Dan huwa fattur importanti hafna sabiex ikun sodisfatt, kif fil-fatt hu, l-principju illi ghalhekk d-dannegjat jista’ jkollu ragun, ghandu dejjem jaghmel minn kollox sabiex ma jkabbarx id-danni;

Huwa principju iehor fil-ligi taghha imbaghad illi minn jallega li l-oggett mhux dak patwit m’ghandux jibqa juzah u ghandu jiddepozitah taht l-awtorita’ tal-Qorti sakemm tkun deciza l-vertenza. Il-konvenuti, izda ghazlu li jibqghu juzaw l-oggett u ma hallsux il-bilanc minnhom dovut.

Ghal dawn il-motivi, filwaqt illi tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kif ukoll t-talbiet maghmuha fil-kontro talba taghhom, qed tilqa’ l-azzjoni attrici u l-eccezzjonjiet rikonvenzjonali taghha.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------